MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 301/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Ciappar)**
**(Supt. A. Mamo)**

**Vs**
Daniel Montebello

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Settembru, 1996, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Princiapli tal-Gvern**

**skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] kif sussegwentement emmendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);**
**2) fl-istess zmien u cirkostanzi, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kiien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolzui (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mghotija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess t' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);**
**3) talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mghotija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) iddatati 3.11.93, (Awla 1), 11.02.94 (Awla B), u 2.06.95 (Awla 10).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kap. 101, l-Artikoli 22(1)(a),

22(2)(b)(I) u 22 (1B) tal-Kap. 101, u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-appellant hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih, bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni wahda w ikkundannatu ghall-prigunerija ta' tmien (8) xhur u ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitta lira Maltin (LM400). Il-multa tista' tithallas b'rata ta' LM40 kull erba' gimghat bl-ewwel pagament isehh mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas ta' hlas ta' pagament, il-bilanc ikun dovut lura f'daqqa w ghandu jinbidel f'jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (Lm5) li jibqghu ma jithallsux.
Dwar il-flus li kienu elevaw il-Pulizija, l-Qorti kienet tal-fehma li l-appellant ta spjegazzjoni accettabbli tal-provenjenza taghhom u ghalhekk dawn ghandhom jinghataw lura lill-appellant.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija w erba' mitt lira Maltin (LM400) multa, w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe':- Li l-istqarrija tal-appellant lill-Pulizija hija wahda veritjiera w ghandha mis-sewwa w saret bla tlaqlieq. L-appellant ta spjegazzjoni ghall-flus li sabulu l-Pulizija billi qal li dawn kien qalaghhom fix-xoghol ta' film li nhadem Malta. Tant li l-Ewwel Qorti qalet li dawn il-flus kellhom jinghataw lura lill-appellant. Imma jekk l-Ewwel Qorti kienet konvinta mill-htija tal-appellant, dawn il-flus kien imisshom gew konfiskati, ghax il-logika tghid li dawn il-flus kienu gejjin mid-drogi. Fl-istess stqarrija l-appellant cahad kategorikament li hu kien forna d-droga lil Charles Zammit u Silvio Zahra. Hu qatt ma kellu problema ta' droga w qatt ma tressaq il-Qorti fuq droga. Illi l-imgieba ta' Charles Zammit fuq il-pedana tax-xhud**

**giet anki kummentata mill-Ewwel Qorti. Mill-fedina penali ta' Charles Zammit jidher li hu midhla sew tal-Qorti u gie kundannat mill-Qrati diversi drabi. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tkun konvinta li x-xhieda ta' Zammit kellha mis sewwa, meta hu stess ammetta li ta cheque falz lill-appellant. Li l-appellant ghandu suspett serju li Zammit u Zahra qalu li xtraw id-droga minnghand l-appellant minhabba li meta t-tlieta li huma kienu gew akkuzati bi frodi, dawn it-tnejn biss instabu hatja w l-appellant kien gie liberat. Li kien hemm inkonsistenzi fix-xhieda ta' Zahra w Zammit. Dawn id-depozizzjonijiet m' ghandhomx mis-sewwa meta jghidu li xtraw id-droga minnghand l-appellant. Minn imkien ma johrog li l-appellant u Zahra kienu hbieb kif irriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Li d-dubju kellu jmur favur l-appellant u l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata a bazi ta' l-interpretazzjoni hazina tax-xhieda.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal;-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkondsidrat;**

**Illi l-aggravji kollha tal-appellant fuq riassunti huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit**

**tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991];** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn).**

**"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament*

*tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant u l-addebitu tar-recidiva.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ma hux il-kaz li din il-Qorti terga' toqghod taghmel ri-epilogu dettaljat tal-provi ghaliex dan diga' sar b' mod minuzzjuz mill-Ewwel Qorti li ma halliet ebda dettall u cirkostanza barra.**

**Wara li rat il-provi kollha li ngabru fi stadji differenti tal-process, johrog car li l-kwistjoni tad-drogi ssemmiet mill-ewwel mix-xhieda Zammit u Zahra meta w hekk kif bdew jigu investigati dwar il-kaz tas-serq tac-cheques u l-uzu taghhom f' Dicembru, 1996. Illi ghalkemm dawn it-tnejn ippruvaw jimminimzzaw il-parti taghhom fis-serq u l-uzu tal-istess cheques billi jitfghu certu piz fuq xulxin, ma kellhom assolutament xejn x' jirbhu jew jiggwadanjaw billi t-tnejn li huma semmew li kienu taw flus u cheque lill-appellant u dana biex f' zewg okkazzjonijiet fl-istess jum, jixtru il-kokajina minnghandu. Anzi b' din l-amnmissjoni ta' xiri w pussess tal-istess droga, huma kienu qed jitfghu – kif effettivament tefghu – il-gebla fuq saqajhom dwar reat li ma kienux qed jigu investigati dwaru *a tempo vergine*.**

**L-ipotesi li qed jipprova johrog biha l-appellant fix-xhieda tieghu w fir-rikors tal-appell tieghu li Zammit u Zahra implikawh fil-biegh tad-droga bhala speci ta'**

**tpattija ghax hu kien hareg liberat mill-akkuza ta' frodi meta huma kienu nstabu hatja ta' din l-akkuza, hija assurda, ghaliex hu ovvju li s-sentenza fejn tnejn instabu hatja u l-appellant ma nstabx hati kienet inghatat xhur jekk mhux addirittura snin wara li Zahra w Zammit kienu qalu liu xtraw id-droga minnghand l-appellant fl-istqarrijiet taghhom tas-17 u 18 ta' Dicembru, 1996 rispettivament (Fols.28 u 29 u fol.30). Wiehed ghalhekk jistaqsi x' interess seta' kellhom Zahra u Zammit li f' dak l-istadju bikri jimplikaw lil appellant fil-biegh tad-droga, meta huma kienu qed jigu investigati biss fuq serq ta' cheques u frodi? Ir-risposta hija li zgur li ma setax kellhom dan l-interess jew motiv li issa qed jipprova jimputalhom l-appellant.**

**Illi l-inkonsistenzi li qed jghid l-appellant li hemm fil-versjonijiet ta' Zahra w Zammit, li jidhru li aktar qeghdin fl-immaginazzjoni tal-appellant milli fir-realta' huma minimi w spjegabbli ghall-passagg twil taz-zmien, imma, fis-sustanza, l-versjoni ta' dawn iz-zewg xhieda baqghet dejjem l-istess u cioe' li fl-istess jum li xtraw id-droga kokajina darbtejn minnghand l-appellant, l-ewwel darba hallsuh bi flus kontanti w akkwistaw tlitt grammi kokajina, w wara li kkonsmaw din id-droga fejn is-Ship Building, il-Marsa, regghu marru ghand l-appellant aktar tard fl-istess jum u did-darba xtraw aktar kokaina billi tawh cheque minn dawk li kienu nsterqu. F' dan Zahra w Zammit qatt ma vvacillaw.**

**Hu minnu li l-appellant cahad kull involviment tieghu fil-biegh u konsenja ta' droga lil Zahra u lil Zammit u li dan johloq konflitt fil-provi. Imma, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" **[9.7.2003] mhux kull konflitt fil-provi necessarjament u awtomatikament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux .**

**Issa huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma semghetx ix-xhieda kollha *viva voce* hija stess ghax il-kaz kien beda' jinstema' quddiem Magistrat iehor, pero' bhala fatt – apparti x-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li f' dan il-kaz mhumiex daqstant determinanti w zgur ma tqumx problema ta' kredibilita' dwarhom - dan japplika biss ghax-xhud Zahra, ghaliex ix-xhud Zammit, bhall-appellant, instemghu mill-Ewwel Qorti preseduta mill-istess Magistrat li ta s-sentenza. Inoltre hu odjuz li l-appellant issa jqajjem din il-lanjanza li l-Ewwel Qorti ma semghetx il-provi kollha hi, meta kien hu stess per mezz tad-difiza tieghu li, meta mbidel il-Magistrat, fis-seduta tal-25 t' Ottubru, 2004, (fol. 75) iddikjara <u>illi m'hemmx ghalfejn jergghu jinstemghu x-xhieda li diga' gew irregistrati quddiem dik il-Qorti kif diversament preseduta.</u>**

**Illi mbaghad anki jekk ix-xhud Zammit li verament ghandu fedina penali mill-aghar, xehed b' mod spavald u aggressiv fil-konfront tad-difensur tal-appellant quddiem il-Qorti preseduta mill-Magistrat li ta s-sentenza appellata, ma jfissirx li kien qed jigdeb meta kull ma ghamel irribatta dak li kien qal fl-istqarrija tieghu snin qabel fil-1996 u li kien umbaghad ikkonferma bil-gurament quddiem Magistrat fid-9 ta' Novembru, 1998 (Fols. 21 u 22). Dan il-mod kif xehed ovvjament il-Magistrat innotah tant li hemm osservazzjoni tal-Magistrat fix-xhieda (fol.79), pero', cio'nonostante l-istess Magistrat hass li aktar kellu jaghti affidament lil din ix-xhieda u dik ta' Zahra minn dak li xehed l-appellant.**

**Umbaghad il-fatt li l-Magistrat seta' hass li l-appellant kien ta spjegazzjoni sodisfacenti ghall-flus kontanti li nstabu ghandu f' Dicembru, 1996 mill-Pulizija, u li dawn, fuq bazi ta' probbabilta', setghu veru kienu gejjin minn x' impieg li kellu ma' tal-films, ma jfissirx li allura il-Magistrat kellu jemmnu fuq kollox, ghaliex xhud tista' temmnu f' kollox, tista' temmnu f' parti jew tista' ma temmnu f' xejn. F' dan il-kaz jidher li l-Magistrat tah il-beneficcju tad-dubju dwar il-flus li sabulu, ghalkemm anki dwar dawn hemm certa**

**inkonsistenza da parti tal-appellant, li din il-Qorti ma setghetx tinjora. Di fatti, fil-waqt li l-appellant fl-istqarrija tieghu tas-6 ta' Frar, 1999, fir-rigward tal-investigazzjoni dwar il-kawza odjerna (fol. 33 u 34) kien qal li l-flus li sabu ghandu l-Pulizija f' Dicembru, 1996, kienu tieghu w meta mistoqsi minn fejn gabhom, kien wiegeb : "*jiena l-ewwel nies minn dejjem nahdem u dak iz-zmien kont qbghat (Sic!) il-paga ta' xi xaharejn ma kumpanija li kienet taghmel il-films"* u "*kelli bit-LM2.50 is-siegha. Nghid li dejjem kont nahdem bejn 14 u sittax il-siegha, kull jum, mit-Tnejn sas-Sibt."*, meta kien gie interrogat mill-istess Spettur Farrugia Mamo fit-18 ta' Dicembru, 1996 u cioe' l-ghada li nstabu l-flus, hu kien qal testwalment : *"Bhalissa jien ma nahdimx..u ilni sena wieqaf."***

**Ghalhekk ovvjament l-appellant mhux dejjem kien konsistenti f' dak li qal. Jew kien jahdem dejjem jew kien ilu sena qieghed meta gara dan il-kaz. Ma jistghux ikunu veri t-tnejn.**

**Umbaghad l-argument tad-difiza li ghax l-Ewwel Qorti ma emmnitx lill-appellant u sabitu hati tat-traffikar tad-droga kokaina, jmmissha ghaddiet biex tikkonfiska l-flus misjuba ghandu wkoll, jissorprendi hafna lil din il-Qorti gej kif inhu minn-naha tad-difiza. Jekk dan l-argument intuza biex jigi arguit *a contrario sensu* li allura la ma gewx konfiskati l-flus, l-appellant imissu gie liberat mill-akkuzi ta' pussess u traffikar, din il-Qorti tara li dan l-argument hu stirakkjat ghall-ahhar u ma jreggix la logikament u lanqas legalment, ghax seta' kien li dawn il-flus ma kienux provenjenti minn biegh ta' droga imma minn xi attivita' ohra.**

**Konsidrat kollox ghalhekk l-argumenti imressqa mill-appellant ma jwasslux lil din il-qorti biex tbiddel l-apprezzament ta' l-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti.**

**Illi ma sarx appell mill-piena "ut sic" u f'kull kaz mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun**

**hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara**. "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999],** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi w hija vicin hafna tal-minimu ta' sitt xhur prigunerija li f' dan il-kaz hija tassattiva w tal-multa minima ta' mitejn lira Maltin (LM200) ukoll tassattiva w hafna w hafna l-boghod mill-piena karcerarja massima ta' ghaxar snin prigunerija w dik pekunjarja massima ta' hamest elef lira skond l-artikolu 22(2)(b) (i) u (9) tal-Kap.101. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li konsidrati c-cirkostanzi, ghandha tvarja l-piena erogata.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------